# Il-Ħadd 27.02.2022

1. L-Erbgħa 02/03, **l-Erbgħa tal-Irmied, il-bidu tar-RANDAN Imqaddes**:
***Infakkru li matul dan il-jum hemm l-obbligu komuni għas-Sawm u l-Astinenza, u li b'mod speċjali dan il-jum f'din is-sena, il-Papa Farnġisku xtaqu jkun offrut għall-Paċi fil-konflitt mdemmi bejn ir-Russja u l-Ukrajna***:

B'sawm għandna nifhmu ikla prinċipali fil-ġurnata, u b'astinenza nifhmu li wieħed:
   i) ma jiekolx laħam;
   ii) joqgħod lura minn xorb alkoħoliku;
   iii) ma jpejjipx;
   iv) irażżan l-infiq; u
   v) jiċċaħħad minn xi divertiment.
   Dan sabiex juża l-ħin aħjar

ħalli jieħu ħsieb aktar ruħu, billi:
   i) jieħu sehem f'Quddiesa, jew jitlob il-*Via Sagra*;
   ii) jitlob aktar mal-familja, eż. ir-Rużarju;
   iii) jaqra l-Bibbja;
   iv) jagħti karità; u
   v) jżur lill-morda jew lill-anzjani li huma weħidhom.

- Fis-6:00pm - *Via Sagra* (N.B. Matul ir-Randan, tintalab hawn fil-knisja kull nhar t'Erbgħa u Ġimgħa, minflokk ir-Rużarju.)
- Fis-6:30pm - Quddiesa animata mill-Kor '*Sine Macula*' li fiha niċċelebraw ċ-ċentralità tas-salib, kif ukoll it-tberik u t-tqegħid tal-Irmied, sinjal ta' indiema, konverżjoni, u penitenza. ***Qed nistiednu lit-tfal, b'mod speċjali, biex jiġu għal din il-quddiesa ħalli hekk nibdew ir-Randan flimkien.***

Tul il-jiem tar-Randan ser ikollna qfief qrib l-altar biex inġibu affarijiet li wara jingħataw bħala karità u għajnuna lill-persuni fil-bżonn.

2. Il-Ħamis 03/03:
   - Fis-5:45pm - Qrar;
   - Fis-6:30pm - Quddiesa;
   - Fis-7:00pm - Adorazzjoni li tintemm bil-Barka Sagramentali.

3. Il-Ġimgħa 04/03, **L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar**:
   - Filgħodu - Tqarbin tal-Morda;
   - Fil-5:30pm - Quddiesa.
   *(Dan minħabba li fis-6:00pm tibda attivita' politika fil-Misraħ ta' quddiem il-Knisja.)*

4. Is-Sibt 05/03:
   - Mill-5:00pm sal-5:30pm jiltaqa' l-grupp tal-Abbatini.
   - Fis-6:30pm - Quddiesa b'suffraġju għal Dun Karm Lia (Kappillan ta' Ħal Safi mill-1960 sal-1979) f'għeluq it-43 sena mill-mewt tiegħu (03/03/1979). Qabel il-ħin tal-offerti, xi familjari ser jippreżentaw il-kalċi li kien juża biex jibqa' tifkira tiegħu fil-parroċċa tagħna.

5. Matul din il-ġimgħa daħlu:
- € 125 bħala ġabra tal-Ħadd li għadda;
- € 110 bħala donazzjoni b'risq il-manutensjoni tal-knisja u l-proġetti tar-restawr.
- Infakkar biex qabel toħorġu tħallu d-donazzjoni tagħkom ġol-qfief fejn is-**Sanitizing Points**. Nitlobkom tkunu ġenerużi u grazzi bil-quddiem.